# It-Traġedja ta' Delimara - Marzu 1903 -

Carmel P. Baldacchino

Il-port ta' Marsaxlokk minn dejjem kien port strateġiku u minn dejjem kien ikun il-mira ta' min ikun irid jidħol fil-gżira ta' Malta, billi huwa port kenni ħafna. Barra minn hekk dan il-port kien jagħmel parti miż-Żejtun. Il-kavallieri bnew it-torri ta' San Luċjan għad-difiża, kemm ta' dan il-port, kif ukoll tal-gżira. Barra mit-torri ta' San Luċjan kien inbena wkoll it-Torri l-Abjad f'Delimara, u kien hemm il-fortizza l-antika tal-Wilġa aktar magħrufa bħala t-Trunċiera kif ukoll it-torri ta' Lambert u l-batterija tat-Tumbrell.

Il-gvern Ingliż bena l-fortizza ta' Delimara fl-1880 li kienet tkun dejjem għal lest, armata għal dak li jista' jinqala', imgħammra b'kanuni kbar u dejjem bl-għassa fuq il-port imsemmi. Fil-parti l-oħra ftit tas-snin wara ġiet mibnija u mgħammra tajjeb il-fortizza tas-Silġ biex tgħasses dik il-parti ta' Marsaxlokk.

Il-ħajja ta' dak iż-żmien kienet waħda kwieta, iżda fqira. It-tfal ma kinux imorru skola billi fl-irħula ma kienx għad hawn skejjel, u l-iskejjel ma kinux obbligatorji. Barra minn dan it-tfal aktar kienu jmorru jagħtu daqqa ta' id fir-raba' jew jirgħu l-merħliet tagħhom jew jiġu impjegati ma' xi bidwi li ma jkollux min jeħodlu ħsieb il-merħliet tiegħu. B'hekk kienu jġibu xi ħaġa u jgħinu l-familja.

Bħas-soltu xi sitt itfal miż-Żejtun wara li jkunu lestew ix-xogħol fid-dar tal-ġenituri tagħhom kienu jmorru jirgħu n-nagħaġ u l-mogħoż fl-inħawi ta' Delimara, fejn naturalment kienu jagħmlu l-ġurnata kollha. Fl-istess ħin kienu jaraw biex ħa jgħaddu l-ħin. Ġieli kienu jiġbru xi ħaxix għall-annimali, ġieli jilagħbu, jew ħaġa jew oħra. Fosthom kien hemm wieħed li kellu kalambrina biex jispara fuq xi tajra, għasfur jew xi ġurdien.

Fid-29 ta' Marzu 1903 kienet ġurnata bħall-oħrajn għalihom. Wara li lestew ix-xogħol tagħhom tad-dar u ħadu xi ħaġa magħhom biex jitrejqu, telqu għal għonq it-triq bil-merħliet tagħhom għal Delimara. Ta' min jgħid li barra l-fortizza (ta' Delimara) kien hemm numru ta' balal tal-kanuni li kienu skaduti u ġew iddikjarati li m'għadhomx tajbin. Għalhekk ġew maħruġa barra mill-fortizza biex meta jiġi l-barkun jitgħabbew fuqu u jintremew 'il barra fil-baħar. Peress li ma kienx wasal l-barkun tħallew hemmhekk sakemm jiġi. Dawn it-tfal li kienu qrib tagħhom ippruvaw jieħdu xi porvli għall-kalambrina li kellhom, imma waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan b'nuqqas ta' għaqal ma kinux jafu l-periklu li kienu jinsabu fih. Bi traskuraġni wieħed minnhom qasam il-porvli tal-bomba li kellu f'idejh u din ħadet flimkien ma' xi oħrajn li kienu qrib u saret splużjoni kbira li nstemgħet minn bosta nħawi fil-qrib. It-tfal sfaw imbiċċra ma' nagħaġ u l-mogħoż tagħhom filwaqt li ġew miftuħa mal-kalanka tal-gidien.

Għall-habta ta' nofsinhar u kwart il-pulizija taż-Żejtun ġew infurmati b'din it-traġedja u li kien hemm tifel mejjet. L-ispettur taż-Żejtun flimkien mat-Tabib Em. Cannataci, is-Surġent A. Camilleri u xi pulizija oħra marru fuq il-post fejn sabu li xi balal fuq il-blat viċin il-fortizza ta' Delimara fejn kienu splodew u qatlu liż-żgħażagħ li kienu: Generoso Carabott ta' 16-il sena bin Angelo u Margerita Montebello tas-Sellieti; Giuseppe Vella ta' 8 snin bin Salvu u Marija Sammut ta' Kassisu; Salvu Mercieca ta' 12-il sena bin Ġużeppi u Katerina Zammit tal-Punċa; Francesco Sammut ta' 16-il sena bin Pawlu u Angela Zammit tas-Silċi.

Wieħed minnhom instab bla ebda ħajja mixħut fuq il-blat waqt li l-fdalijiet tat-tlieta l-oħra ġew miġbura mill-baħar. Wara li saru l-investigazzjonijiet mill-pulizija sar magħruf li l-balal kienu ppostjati hemm biex jitneħħew l-għada. Waqt li wieħed mit-tfal ipprova jieħu l-porvli mill-balla li seta' kellha l-fjus nieqes jew laxk, din il-balla aċċidentalment splodiet u ħalliet dik il-ħerba fuq dawk iż-żgħażagħ sfortunati.

Dan il-każ ġie rrapurtat lill-Maġistrat ta' l-għassa Dr. E. Parnis LL.D. Wara li għamel inkjesta fuq il-post tat-traġedja ordna li l-fdalijiet tal-vittmi jiġu meħuda fil-kamra mortwarja ta' l-isptar ċentrali fil-Floriana fejn kellha tinżamm l-awtopsja. Waqt din l-inkjesta kien hemm preżenti l-Kurunell Gatt RMA. Il-Kurunell Barlow RGA flimkien ma' uffiċjali oħra li min-naħa tagħhom għamlu inkjesta għas-servizz tagħhom.

Wara li saret l-awtopsja l-fdalijiet ta' l-erba' vittma ġew impoġġija fi twiebet, fejn akkumpanjati minn xi qraba u ħbieb li marru l-isptar ċentrali ġew meħuda ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata fejn wara li sar is-servizz funebri ġew midfuna f'qabar wieħed. Fost dawk li akkumpanjaw il-funeral kien hemm il-Kurunell Barlow, Royal Garison Artillery li kien inkarigat mill-fortizza ta' Rikażli li Delimara kienet taqa' taħt il-kmand tagħha.

*ikompli f'paġna 56*

Kien hemm ukoll Lt. Weston, Għajjutant tal-Lvant waqt li Rev. P. Farrugia mexxa s-servizz reliġjuż fejn ta l-aħħar assulazzjoni lill-vittmi. Dan is-servizz ta' qsim il-qalb spiċċa meta Lt. Weston, f'isem ir-re, u s-servizzi poġġa erba' kuruni tal-fjuri fuq il-qabar.

Ta' min jgħid ukoll li żewġt itfal, qabel ma warrbu minn ħdejn sħabhom, raw lil Sammut jerfa' waħda mill-balal u jipprova jiftagħha biex jieħu l-porvli minnha. Dak il-ħin huma telqu minn ħdejhom u ftit wara semgħu splużjoni qawwija u raw daħna kbira ġejja minn ħdejn sħabhom. Din l-isplużjoni nstemgħet minn bosta nħawi viċin. Anke ħdejn Master Gunner RA li kien stazzjonat fil-fortizza, ftit qabel qal li kien ra xi sitt itfal fil-viċinanzi.


*Il-Fortizza ta' Delimara.*

Min-naħa tas-servizzi nfetħet Qorti Marzjali kontra l-fizzjal inkarigat mill-fortizza ta' Delimara, akkużat talli ħalla barra l-fortizza balal li kienu tas-servizz li setgħu uu kienu perikolużi jew aċċessibbli li jistgħu jintmessu mill-pubbliku. Imma wara l-ħafna xhieda li ressaq il-fizzjali li kien ilu li ta r-rapport tiegħu biex dawn il-balal jiġu mneħħija permezz ta' barkun u jintremew 'il barra fil-baħar u li dan il-barkun ma wasal qatt, dan il-fizzjal wara li wera d-dokumenti bil-miktub dwar dan, ġie liberat minn kull akkuża li nġiebet kontra tiegħu.

Ħajr lil Kan. Dun Joe Abela.


**ATOMIC Sound System**

*for Parties, Weddings, Engagements, Discos, and other occasions.*

*For more information, call*
**Mob: 9940 7645 • Tel: 2166 3004**
**Mob: 7920 6565 • Tel: 2167 8202**

# *Nick's Butcher*

**Tel: 21 662 642 • Mob: 7947 1871, 7909 1699**
N. Carabott
**1, Triq Licata, Żejtun**

*Opening hours:*
**Tue, Thu & Sat from 7.00am till 12.00pm**
**Wed & Fri from 8.00am till 12,00pm & 4.00pm till 7.00pm**